DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta’ Settembru 2024*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Mandat ta’ arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Artikolu 4a – Proċedura ta’ konsenja bejn Stati Membri – Raġunijiet għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiva – Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Drittijiet tad-difiża – Direttiva 2012/13/UE – Artikolu 6 – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali – Direttiva 2013/48/UE – Artikolu 3 – Dritt ta’ aċċess għal avukat fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali – Deċiżjoni mogħtija fi tmiem proċess mingħajr ma dehret il-persuna akkużata u mingħajr rappreżentazzjoni minn avukat – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġi rrifjutat ir-rilaxx tal-persuna kkonċernata – Konformità mad-dritt tal-Unjoni”

Fil-Kawża C-504/24 PPU [Anacco] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte d’appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta’ Ruma, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Lulju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta’ Lulju 2024, fil-proċedura kriminali kontra

RT,

fil-preżenza ta’:

Procura Generale della Repubblica presso la Corte d’appello di Roma,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, T. von Danwitz, P. G. Xuereb, A. Kumin (Relatur) u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li tagħti deċiżjoni permezz ta’ digriet motivat, konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

[i] L-isem ta’ din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta’ ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 TUE, tal-Artikolu 48(2) u tal-Artikolu 52(3) u (4) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), tal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), tal-Artikolu 1(3) u tal-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584"), tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1), kif ukoll tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni, fl-Italja, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fid-29 ta' April 2024 mill-parquet du procureur du Roi de Bruxelles (l-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Re ta' Brussell, il-Belġju) għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija mogħtija kontra RT mit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584

3 Il-premessi 6 u 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jiddikjaraw:

"(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

[…]

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 [TUE] u riflessi fil-[Karta],b'mod partikolari l-Kapitolu VI tiegħu. […]"

4 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit", jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 [TUE]."

5 L-Artikolu 4a tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Deċiżjonijiet mogħtija wara kawża li fiha l-persuna ma dehritx personalment", jipprovdi:

"1. L-awtorità ġudizzjarja tal-eżekuzzjoni tista' wkoll tiċħad l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet li tiġi eżegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni jekk il-persuna ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, sakemm il-mandat ta' arrest Ewropew ma jiddikjarax li l-persuna, skond ħtiġiet proċedurali ulterjuri definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru emittenti:

a) fi żmien debitu
   i) jew kienet ikkonvokata personalment u għaldaqstant infurmata bid-data u l-post skedati li rriżultaw fid-deċiżjoni, jew b'mezzi oħra fil-fatt irċeviet informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati ta' dik il-kawża b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-kawża skedata;

   u
   ii) kienet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk hija ma tidhirx għall-kawża;

   jew

b) konxja mill-kawża skedata, kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-kawża, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-kawża;

   jew

(ċ) wara li kienet innotifikata bid-deċiżjoni u kienet infurmata espressament dwar id-dritt għal kawża mill-ġdid, jew appell, li fihom il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluż evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali:
   i) iddikjarat espressament li huwa jew hija ma tikkontestax id-deċiżjoni;

   jew
   ii) ma talbitx kawża mill-ġdid jew appell fil-perijodu ta' żmien applikabbli;

   jew

d) ma kinitx notifikata personalment bid-deċiżjoni iżda:

i) ser tkun innotifikata personalment biha mingħajr dewmien wara ċ-ċediment u ser tkun infurmata espressament dwar id-dritt tiegħu jew tagħha għal kawża mill-ġdid, jew appell, li fihom il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermettu li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluż evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali;

u

ii) ser tkun infurmata bil-perijodu taż-żmien li fih hija għandha titlob din il-kawża mill-ġdid jew l-appell, kif imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew rilevanti.

2. F'każ li l-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni taħt il-kondizzjonijiet tal-paragrafu (1)(d) u l-persuna konċernata ma tkunx irċeviet minn qabel xi informazzjoni uffiċjali dwar l-eżistenza tal-proċedimenti kriminali kontriha, huwa jew hija tista', meta tiġi infurmata bil-kontenut tal-mandat ta' arrest Ewropew, titlob biex tirċievi kopja tas-sentenza qabel ma tiġi kkonsenjata. Minnufih wara li tkun ġiet infurmata bit-talba, l-awtorità emittenti għandha tipprovdi lill-persuna rikjesta l-kopja tas-sentenza permezz tal-awtorità tal-eżekuzzjoni. It-talba tal-persuna rikjesta m'għandha la ddewwem il-proċedura ta' ċediment u lanqas iddewwem id-deċiżjoni li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew. Il-forniment tas-sentenza lill-persuna konċernata hu għal finijiet biss ta' informazzjoni; la għandu jitqies bħala notifika formali tas-sentenza u lanqas ma jistabbilixxi xi limiti ta' żmien applikabbli biex jintalab proċess ġdid jew appell.

3. F'każ li persuna tiġi kkonsenjata skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu (1)(d) u huwa jew hija tkun talbet għal proċess ġdid jew appell, id-detenzjoni ta' dik il-persuna li tkun qed tistenna dan il-proċess ġdid jew l-appell għandha, sakemm jintemmu dawn il-proċedimenti, tiġi riveduta skond il-liġi tal-Istat Membru emittenti, fuq bażi regolari jew fuq talba tal-persuna konċernata. Reviżjoni bħal din għandha b'mod partikolari tinkludi l-possibbiltà tas-sospensjoni jew l-interruzzjoni tad-detenzjoni. Il-proċess ġdid jew l-appell għandu jibda fi żmien dovut wara ċ-ċediment."

Id-Deċiżjoni Qafas 2009/299

6 Il-premessi 1, 14 u 15 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299 jiddikjaraw:

"(1) Id-dritt tal-akkużat li jkun preżenti waqt il-kawża huwa inkluż fid-dritt għal proċess ġust previst fl-Artikolu 6 tal-[KEDB], kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti ddikjarat ukoll li dan id-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-kawża mhuwiex assolut u li taħt ċerti kondizzjonijiet l-akkużat jista', bil-volontà tiegħu, espressament jew taċitament iżda inekwivokabbilment, jirrinunzja dak id-dritt.

[…]

(14) Din id-Deċiżjoni Qafas hija limitata għar-raffinazzjoni tad-definizzjoni tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent fi strumenti li jimplimentaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Għalhekk, dispożizzjonijiet bħal dawk relatati mad-dritt għal kawża mill-ġdid għandhom kamp ta' applikazzjoni li huwa limitat għad-definizzjoni ta' dawn ir-raġunijiet ta' non-rikonoxximent. Dawn mhumiex imfassla sabiex jarmonizzaw il-leġislazzjoni nazzjonali. Din id-Deċiżjoni Qafas hija mingħajr preġudizzju għall-istrumenti futuri tal-Unjoni Ewropea mfassla biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-liġi kriminali.

(15) Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent huma fakultattivi. Madankollu, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jittrasponu dawn ir-raġunijiet fil-liġi nazzjonali hija regolata b'mod partikolari mid-dritt għal smigħ xieraq, filwaqt li jittieħed kont tal-objettiv ġenerali ta' din id-Deċiżjoni Qafas li ssaħħaħ id-drittijiet proċedurali tal-persuni u li tiffaċilita kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali".

7 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Objettivi u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Qafas huma li jissaħħu d-drittijiet proċedurali ta' persuni suġġetti għal proċedimenti kriminali, li tiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u, b'mod partikolari, li ttejjeb ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji bejn l-Istati Membri."

Id-Direttiva 2012/13

8 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13, intitolat "Id-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati tingħatalhom informazzjoni dwar l-att kriminali li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu. Dik l-informazzjoni għandha tingħata fil-pront u bid-dettal meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża.

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mhux aktar tard mit-tressiq tal-merti tal-akkuża quddiem il-qorti, tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-akkuża, inklużi n-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat kriminali, kif ukoll in-natura tal-parteċipazzjoni tal-persuna akkużata.

[…]"

Id-Direttiva 2013/48

9 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall-persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt

tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 9.

[…]"

Id-Direttiva (UE) 2016/343

10 L-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1), intitolat, "Id-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess":

"[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li proċess li jista' jirriżulta f'deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza ta' persuna suspettata jew akkużata jista' jsir fl-assenza tiegħu jew tagħha, sakemm:

a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ġiet infurmata fi żmien debitu dwar il-proċess u dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra; jew

b) il-persuna suspettata jew akkużata, li tkun ġiet infurmata bil-proċess, hija rrappreżentata minn avukat, li ġie magħżul mill-persuna suspettata jew akkużata jew maħtur mill-Istat.

[…]

4. Fejn l-Istati Membri jipprevedu l-possibbiltà ta' proċessi fl-assenza ta' persuni suspettati jew akkużati iżda ma tkunx possibbli l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu minħabba li persuna suspettata jew akkużata ma tistax tinstab minkejja li jkunu saru sforzi raġonevoli, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li xorta waħda tista' tingħata deċiżjoni u tiġi esegwita. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta persuni suspettati jew akkużati jiġu infurmati bid-deċiżjoni, b'mod partikolari meta dawn jinqabdu, huma jiġu wkoll infurmati dwar il-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni u dwar id-dritt għal proċess mill-ġdid jew dwar rimedji legali oħra, f'konformità mal-Artikolu 9.

[…]"

11 Skont l-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, intitolat "Id-dritt għal proċess mill-ġdid":

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn persuni suspettati jew akkużati ma kinux preżenti fil-proċess tagħhom u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(2) ma ġewx sodisfatti, huma jkollhom id-dritt għal proċess mill-ġdid, jew għal rimedju legali ieħor, li jippermetti eżami mill-ġdid tal-merti tal-kawża, inkluż l-eżami ta' evidenza ġdida, u li jista' jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni oriġinali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti, jipparteċipaw b'mod effikaċi, f'konformità mal-proċeduri taħt id-dritt nazzjonali, u li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża."

Id-dritt nazzjonali

Id-dritt Taljan

12 Skont l-Artikolu 24 tal-Kostituzzjoni Taljana:

"Kull persuna għandha d-dritt li tibda proċeduri legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tagħha u tal-interessi leġittimi tagħha.

Id-difiża hija dritt invjolabbli fl-istadji u fil-livelli kollha tal-proċedura.

Miżuri xierqa għandhom jassiguraw lill-indiġenti l-mezzi biex jibdew kawża u biex jiddefendu ruħhom quddiem kull qorti.

[…]"

13 L-Artikolu 2 tal-legge n. 69 – Di sposizioni per conformare il diritto interno alla decisione quadro 2002/584/GAI del Consiglio, del 13 giugno 2002, relativa al mandato d'arresto europeo e alle procedure di consegna tra Stati membri (il-Liġi Nru 69, dwar dispożizzjonijiet sabiex id-dritt intern ikun konformi mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri) tat-22 ta' April 2005 (GURI Nru 98 tad-29 ta' April 2005, p. 6, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 69/2005"), intitolata "Osservanza tad-drittijiet fundamentali u garanziji kostituzzjonali" jipprovdi:

"L-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew ma tista', f'ebda każ, twassal għal ksur tal-prinċipji supremi tal-ordinament kostituzzjonali tal-Istat jew tad-drittijiet inaljenabbli tal-persuna rrikonoxxuti mill-Kostituzzjoni, tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji legali fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 6 [TUE] jew tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-[KEDB] u l-protokolli addizzjonali tagħha."

14 L-Artikolu 6 tal-Liġi Nru 69/2005, intitolat "Kontenut tal-mandat ta' arrest Ewropew fil-proċedura ta' konsenja passiva", jipprovdi, fil-paragrafi 1, 1a u 2 tiegħu:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna rikjesta;

b) l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u l-fax u l-indirizz tal-posta elettronika tal-awtorità ġudizzjarja emittenti;

c) l-indikazzjoni tal-eżistenza ta' sentenza eżekuttiva, ta' deċiżjoni għal miżuri provviżorji jew ta' kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja eżekuttiva oħra li għandha l-istess effett li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 ta' din il-liġi;

d) in-natura u l-klassifikazzjoni ġuridika tar-reat;

e) deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom twettaq ir-reat, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni tal-persuna rikjesta;

f) il-piena imposta fil-każ ta' deċiżjoni finali jew, fil-każijiet l-oħra, il-pieni minimi u massimi previsti mil-liġi tal-Istat emittenti;

g) sa fejn ikun possibbli, il-konsegwenzi l-oħra tar-reat.

1. *bis* Meta jkun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura preventiva ta' ħabs adottati wara proċess li fih il-persuna kkonċernata ma dehritx personalment, il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jinkludi wkoll l-indikazzjoni ta' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) il-persuna kienet, fi żmien utli, imħarrka personalment jew b'mod ieħor li jippermetti madankollu li jiġi stabbilit b'mod inekwivoku li hija kienet taf bid-data u l-post iffissati għall-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni mogħtija fl-assenza tagħha u tal-fatt li tali deċiżjoni tista' tingħata anki fl-assenza tagħha;

b) il-persuna kkonċernata, infurmata bil-proċess li jikkonċernaha, kienet irrappreżentata fil-proċess li wassal għall-imsemmija deċiżjoni minn konsulent legali maħtur minnha stess jew *ex officio*;

c) il-persuna kkonċernata, wara li ġiet innotifikata bid-deċiżjoni li kienet mitluba l-eżekuzzjoni tagħha u wara li ġiet infurmata bid-dritt tagħha għal proċess ġdid jew għal appell, li l-persuna kkonċernata għandha d-dritt li tipparteċipa fih u li jippermetti li l-każ jerġa' jiġi eżaminat fil-mertu, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni provi ġodda, u jista' jwassal għal annullament tad-deċiżjoni inizjali, indikat espressament li hija ma kinitx qegħda tikkontesta d-deċiżjoni jew ma talbitx kawża mill-ġdid jew appell fit-terminu mogħti;

d) il-persuna kkonċernata ma ġietx innotifikata personalment bid-deċiżjoni, iżda ser tirċeviha personalment mingħajr dewmien wara l-konsenja lill-Istat Membru emittenti u ser tkun infurmata espressament bid-dritt tagħha għal proċess ġdid jew għal appell, li l-persuna kkonċernata għandha d-dritt li tipparteċipa fihom u li jippermettu li jiġi eżaminat mill-ġdid il-mertu tal-każ, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni provi ġodda, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni inizjali u għandha tiġi informata bit-terminu li fih għandha titlob għal proċess mill-ġdid jew għal appell.

2. Jekk il-mandat ta' arrest Ewropew ma jkunx fih l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a), (c), (d), (e) u (f) jew ma jindikax l-eżistenza ta' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1*bis*, l-awtorità ġudizzjarja għandha tipproċedi skont l-Artikolu 16. Hija tipproċedi b'mod analogu meta tqis neċessarju li tikseb elementi oħra sabiex tivverifika jekk il-kawża taqax taħt wieħed mill-każijiet previsti fl-Artikoli 18, 18*bis*, 18*ter* u 19."

15 L-Artikolu 18*ter* ta' din il-liġi, intitolat "Deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna akkużata", jipprevedi:

"1. Meta l-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura preventiva adottata wara proċess li fih il-persuna kkonċernata ma dehritx personalment, il-qorti tal-appell tista' wkoll tirrifjuta l-konsenja jekk il-mandat ta' arrest ma jkunx fih indikazzjoni ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 6(1)*bis*, u l-Istat emittenti ma jkunx ipprovda indikazzjonijiet dwar dawk il-kondizzjonijiet anki wara talba skont l-Artikolu 16.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-qorti tal-appell tista' madankollu tivvalida l-konsenja jekk jiġi pprovat b'ċertezza li l-persuna kkonċernata kienet taf bil-proċess jew volontarjament għamlet b'xi mod li ma tkunx taf bil-proċess.

3. Meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(1)*bis*(d) ikunu ssodisfatti, il-persuna li tintalab il-konsenja tagħha u li ma tkunx ġiet informata preċedentement bil-proċeduri kriminali kontriha tista' titlob li tirċievi kopja tas-sentenza li fuqha huwa bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew. Din it-talba fl-ebda każ ma għandha tikkostitwixxi raġuni li tiġġustifika d-differiment tal-proċedura ta' konsenja jew tad-deċiżjoni li jiġi eżegwit il-mandat ta' arrest Ewropew. Il-Qorti tal-Appell għandha tiżgura li din it-talba tiġi trażmessa immedjatament lill-awtorità emittenti."

Id-dritt Belġjan

16 Skont l-Artikolu 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali:

"Jekk il-persuna mħarrka, jew l-avukat li jirrappreżentaha, ma tidhirx fil-jum u fil-ħin stabbiliti fit-taħrika, din għandha tiġi ġġudikata fil-kontumaċja."

17 L-Artikolu 187(1) ta' dan il-kodiċi jipprevedi:

"Il-persuna kkundannata fil-kontumaċja tista' topponi s-sentenza fi żmien ħmistax-il jum min-notifika ta' din tal-aħħar.

Meta n-notifika tas-sentenza ma tkunx saret lill-persuna tagħha, il-persuna kkundannata fil-kontumaċja tista' topponi, fir-rigward tal-kundanni kriminali, fi żmien ħmistax-il jum wara dak li fih tkun saret taf bin-notifika.

Jekk tkun saret taf b'dan permezz tan-notifika ta' mandat ta' arrest Ewropew jew permezz ta' talba għal estradizzjoni jew jekk it-terminu matul ħmistax-il jum ikun għadu ma skadiex fil-mument tal-arrest tagħha barra mill-pajjiż, hija tista' toġġezzjona fi żmien ħmistax-il jum wara dak tal-konsenja tagħha jew tar-rilaxx tagħha barra mill-pajjiż.

Jekk ma jiġix stabbilit li kienet taf bin-notifika, il-persuna kkundannata fil-kontumaċja tista' topponi sal-iskadenza tat-termini ta' preskrizzjoni tal-piena. Hija tista' topponi, fir-rigward tal-kundanni ċivili, sal-eżekuzzjoni tas-sentenza.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

18 Fid-29 ta' April 2024, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tar-Re ta' Brussell ħareġ mandat ta' arrest Ewropew kontra RT (iktar 'il quddiem il-"mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni"), ċittadina Franċiża kif ukoll ta' Mali u detentriċi ta' passaport diplomatiku ta' Mali, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija ta' sentejn li għaliha hija kienet ġiet ikkundannata mit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża), permezz ta' sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, abbażi tal-ewwel u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 432(1), u (3), kif ukoll tal-ewwel subparagrafu

tal-Artikolu 432(2) tal-Kodiċi Kriminali Belġjan, għal nuqqas ta' rappreżentanza ta' minuri b'detenzjoni barra mill-pajjiż għal iktar minn ħamest ijiem (iktar 'il quddiem is-"sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023").

19 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023 ingħatat fil-kontumaċja fi tmiem proċess li żvolġa mingħajr ma l-att ta' akkuża ġie effettivament innotifikat lil RT u, għaldaqstant, mingħajr ma din tal-aħħar u lanqas avukat imqabbad minnha jew maħtur *ex officio* ma kienu preżenti waqt is-seduta li nżammet fil-kuntest ta' din il-proċedura.

20 Il-fatti li taw lok għas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, kif jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej. Wara t-tmiem tar-relazzjoni tagħha ma' JG matul is-sena 2018, RT marret tgħix fil-Mali ma' binthom, UMTG, imwielda fi Brussell fit-3 ta' Novembru 2015. Billi pproċediet b'dan il-mod, RT kisret is-sentenzi tat-tribunal de première instance de Bruxelles, tribunal de la famille (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Qorti tal-Familja) (il-Belġju), tas-26 ta' Ġunju u tal-24 ta' Settembru 2019, li minnhom jirriżulta, b'mod partikolari, li UMTG kellha toqgħod, prinċipalment, ma' JG fil-Belġju.

21 Fl-20 ta' Ġunju 2024, RT ġiet arrestata mal-wasla tagħha fl-Italja u tqiegħdet taħt detenzjoni provviżorja għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni. Fit-22 ta' Ġunju 2024, il-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma, l-Italja), il-qorti tar-rinviju, semgħet lil RT, li ma tatx il-kunsens tagħha sabiex tiġi kkonsenjata lill-awtoritajiet Belġjani. Hija sostniet b'mod partikolari li l-qrati ta' Mali kienu tawha l-kustodja ta' UMTG u li JG kien esprima l-qbil tiegħu għat-trasferiment ta' din tal-aħħar lejn il-Mali. Waqt seduta tat-2 ta' Lulju 2024, RT talbet, b'mod partikolari, li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest u li tiġi ordnata t-tneħħija tat-tqegħid tagħha taħt detenzjoni provviżorja.

22 Wara talba tal-qorti tar-rinviju, il-Ministeru għall-Ġustizzja (il-Belġju) indika, permezz ta' ittra tat-8 ta' Lulju 2024, li RT kienet ġiet imħarrka sabiex tidher, permezz ta' ittra rreġistrata, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023 tat-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża), fil-kuntest tal-proċedura li tat lok għas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023. Peress li din il-persuna ma dehritx għal din is-seduta u lanqas ma kienet irrappreżentata fiha minn difensur, din is-sentenza ngħatat fil-kontumaċja, wara proċedura mhux kontradittorja. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li kemm minn din l-ittra kif ukoll mill-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni jirriżulta li, fil-każ ta' konsenja lill-awtoritajiet Belġjani, RT tista', f'terminu ta' ħmistax-il jum min-notifika tagħha, tippreżenta oppożizzjoni kontra s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023 quddiem it-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) u li din l-oppożizzjoni, jekk tiġi ddikjarata ammissibbli, twassal kemm għall-annullament ta' din is-sentenza kif ukoll għaż-żamma ta' proċess ġdid li fil-kuntest tiegħu hija tibbenefika mill-istess drittijiet bħal dawk li kieku hija kienet tibbenefika minnhom matul il-proċedura li tat lok għall-imsemmija sentenza. Barra minn hekk, RT għandha, f'terminu ta' 30 jum min-notifika tagħha, il-possibbiltà li tappella mis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023 quddiem il-Cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju). Fiż-żewġ każijiet, RT tkun assistita b'mod obbligatorju minn avukat maħtur minnha jew maħtur mill-uffiċċju tal-għajnuna legali, hija jkollha terminu adegwat sabiex tipprepara d-difiża tagħha u hija tkun tista' titlob il-ħelsien tagħha.

23 Permezz ta' digriet tal-11 ta' Lulju 2024, il-qorti tar-rinviju, minn naħa, ċaħdet it-talba ta' RT intiża għat-tneħħija mid-detenzjoni provviżorja tagħha u, min-naħa l-oħra, indikat li hija kienet iffissat seduta fl-24 ta' Settembru 2024 sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni.

24 Sa fejn il-Liġi Nru 69/2005, li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ma tipprevedix il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-konsenja ta' RT f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-liġi kemm mad-dritt kostituzzjonali Taljan kif ukoll mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) u mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), fl-Italja, ma huwiex possibbli li jinżamm proċess kriminali mingħajr ma l-akkużat ikun irrappreżentat minn avukat, u dan anki meta dan l-akkużat ma jidhirx personalment. Dan huwa prinċipju ta' natura kostituzzjonali, li, skont il-qorti tar-rinviju, huwa kkonfermat mill-Artikolu 48 tal-Karta kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-KEDB u li, moqri fid-dawl tal-Artikolu 6 TUE u tal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jipprekludi l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija mogħtija mingħajr ma l-akkużat ikun irrappreżentat minn avukat u, għaldaqstant, bi ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu.

25 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju ssemmi t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2023, fil-Kawża pendenti C-40/24, Derterti, li tirrigwarda b'mod partikolari l-istess problema bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dispożizzjonijiet segwenti:

a. l-Artikolu 6 TUE, l-Artikoli 48(2) u 52(3) u (4) tal-[Karta],

b. l-Artikolu 6(3)(c) tal-[KEDB],

c. l-Artikoli 1(3) u 4a tad-Deċiżjoni Qafas [2002/584],

d. l-Artikolu 6 tad-Direttiva [2012/13], u

e. l-Artikolu 3 tad-Direttiva [2013/48],

għandhom jiġu interpretati, flimkien, fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik Taljana li tinsab fl-Artikoli 2, 6 u 18 *ter* tal-Liġi Nru 69/2005, li ma tippermettix lill-Corte di appello (il-Qorti tal-Appell, l-Italja), inkwantu korp ġudizzjarju kompetenti tal-Istat mitlub, li tirrifjuta li tikkonsenja persuna lill-Istat Membru ta' ħruġ b'eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ abbażi ta' sentenza ta' kundanna għal piena ta' priġunerija mogħtija, fl-Istat ta' ħruġ, wara proċess kriminali li seħħ fl-assenza ta' avukat magħżul mill-imputat jew *ex officio* mill-qorti u, fi kwalunkwe każ, mingħajr difiża effettiva, anki fil-każijiet fejn, wara l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, il-persuna kkundannata għandha d-dritt li tirċievi n-notifika tas-sentenza ta' kundanna u tista' tressaq oppożizzjoni jew tippreżenta appell minn din is-sentenza?"

Fuq it-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

27 Il-qorti tar-rinviju talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Insostenn ta' din it-talba, din il-qorti tirrileva li RT tinsab taħt detenzjoni provviżorja sa mill-20 ta' Ġunju 2024.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, tad-Direttiva 2012/13 u tad-Direttiva 2013/48, li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, li jikkonċerna l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Konsegwentement, dan ir-rinviju jista' jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

30 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta, b'mod partikolari, meta l-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali tkun attwalment imċaħħda mil-libertà u meta ż-żamma tagħha taħt arrest tiddependi mis-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, filwaqt li huwa ppreċiżat li s-sitwazzjoni ta' din il-persuna għandha tiġi evalwata hekk kif tkun fid-data tal-eżami tat-talba intiża sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza (sentenza tal-14 ta' Mejju 2024, Stachev, C-15/24 PPU, EU:C:2024:399, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan il-każ, minn naħa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li RT ilha effettivament imċaħħda mil-libertà mill-20 ta' Ġunju 2024 u li kienet tinsab f'din il-kundizzjoni fid-data tal-eżami tat-talba intiża sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza.

32 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju indikat, essenzjalment, li hija jista' jkollha, skont ir-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tagħti għad-domanda preliminari, tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni u li jkollha, għaldaqstant, tordna l-ħelsien ta' RT.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-1 ta' Awwissu 2024, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Fuq id-domanda preliminari

34 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta r-risposta għal domanda preliminari tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew meta r-risposta għal tali domanda ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull mument, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

35 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kuntest ta' din il-kawża.

36 Permezz tal-unika domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri fid-dawl tal-Artikolu 6 TUE, tal-Artikolu 48(2) u tal-Artikolu 52(3) u (4) tal-Karta, tal-Artikolu 6(3)(c) tal-KEDB, tal-Artikolu 1(3) ta' din

id-deċiżjoni qafas, tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13 kif ukoll tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja ta' persuna kkonċernata, abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija kontra din il-persuna kkonċernata fl-Istat emittenti, jekk din tal-aħħar ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, mingħajr ma l-imsemmija persuna kkonċernata tkun irrappreżentata minn avukat maħtur minnha jew maħtur *ex officio* u, fi kwalunkwe każ, fl-assenza ta' difiża effettiva, f'sitwazzjoni li fiha, wara din il-konsenja, l-istess persuna kkonċernata tiġi nnotifikata bis-sentenza mogħtija fil-kontumaċja u tista' tressaq oppożizzjoni jew tappella minn din is-sentenza.

37 Preliminarjament, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ukoll il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa stess jissejjes fuq il-fiduċja reċiproka bejn dawn tal-aħħar, għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, importanza fundamentali, billi jippermettu li tinħoloq u tinżamm żona mingħajr fruntieri interni. B'mod iktar speċifiku, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jimponi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, fuq kull wieħed minn dawn l-Istati l-obbligu li jqis, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħra kollha josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt (sentenzi tal-31 ta' Jannar 2023, Puig Gordi *et*, C-158/21, EU:C:2023:57, punt 93, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-minuri), C-261/22, EU:C:2023:1017, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 B'hekk, meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa jippreżumu li d-drittijiet fundamentali ġew irrispettati mill-Istati Membri l-oħra, b'tali mod li la jistgħu jeħtieġu minn Stat Membru ieħor livell ta' protezzjoni nazzjonali tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dak żgurat mid-dritt tal-Unjoni, u lanqas, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, jivverifikaw jekk, f'każ partikolari, dan l-Istat Membru l-ieħor irrispettax tabilħaqq id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Unjoni (Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB) tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punt 192 u s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-minuri), C-261/22, EU:C:2023:1017, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata].

39 F'dan il-kuntest, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija maħsuba sabiex, bl-introduzzjoni ta' sistema ssemplifikata u effettiva għall-konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li kisru l-liġi kriminali, tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bil-għan li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni li ssir żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja msejsa fuq il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-minuri), C-261/22, EU:C:2023:1017, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li, skont il-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, isib l-ewwel konkretizzazzjoni tiegħu fil-mandat ta' arrest Ewropew, previst minn din id-deċiżjoni qafas, jikkostitwixxi l-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Dan il-prinċipju huwa espress fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, li tistabbilixxi r-regola li l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-imsemmi prinċipju u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-istess deċiżjoni qafas (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-minuri), C-261/22,

EU:C:2023:1017, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, G. K. *Et* (Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew), (C-281/22, EU:C:2023:1018, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Dan ifisser, minn naħa, li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu jirrifjutaw li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew biss għal raġunijiet li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi r-regola, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-minuri), C-261/22, EU:C:2023:1017, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 B'mod partikolari, l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola li timponi fuq l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tikkonsenja lill-persuna rikjesta lill-Istat Membru emittenti u, għaldaqstant, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija ta' sospensjoni), C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 55).

43 Issa, fit-tieni lok, mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha l-fakultà li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura ta' sigurtà li ċċaħħad il-libertà jekk il-persuna kkonċernata ma tkunx dehret personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni, ħlief jekk il-mandat ta' arrest Ewropew jindika li l-kundizzjonijiet stabbiliti, rispettivament, fl-imsemmija dispożizzjoni, punti (a) sa (d), huma ssodisfatti (sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija ta' sospensjoni), C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dan l-Artikolu 4a jillimita, għalhekk, il-possibbiltà li jiġi rrifjutat li jiġi eżegwit il-mandat ta' arrest Ewropew billi jelenka, b'mod preċiż u uniformi, il-kundizzjonijiet li fihom ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija wara proċess li fiha l-persuna kkonċernata ma tkunx dehret personalment ma jistgħux jiġu rrifjutati (sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija ta' sospensjoni), C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Konsegwentement, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija marbuta li tipproċedi bl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, minkejja l-assenza tal-parti kkonċernata fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni, ladarba tkun ivverifikata l-eżistenza ta' waħda miċ-ċirkustanzi previsti fil-punti (a), (b), (ċ) jew (d) tal-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Hamburg, C-416/20 PPU, EU:C:2020:1042, punt 41).

46 Fir-rigward tal-Artikolu 4a(1)(d) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, rilevanti f'dan il-każ peress li mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li RT ma dehritx personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni, jiġifieri għas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, u lanqas ma rċeviet personalment in-notifika ta' din is-sentenza u li l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni jindika li hija tista' topponi l-imsemmija sentenza jew tappellaha rispettivament fi ħmistax-il jum jew tletin jum min-notifika tagħha, din id-dispożizzjoni ma tagħmilx riferiment għall-assistenza minn avukat waqt dan il-proċess.

47 B'mod partikolari, mill-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 4a(1)(d) ma jirriżultax li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew meta l-persuna tkun is-suġġett ta' dan il-mandat wara proċess li fih hija ma tkunx dehret personalment minħabba li hija ma kinitx irrappreżentata minn avukat maħtur minnha jew maħtur *ex officio*. Għalhekk, ftehim differenti jkun ifisser li tiżdied għad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 kundizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma pprevediex.

48 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-oriġini u tal-għanijiet tal-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà' kkonstatat li din id-dispożizzjoni hija intiża li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u li tippermetti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tipproċedi bil-konsenja tal-persuna kkonċernata minkejja l-assenza tagħha fil-proċess li jkunu wassal għall-kundanna tagħha, filwaqt li jiġu osservati bis-sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħha. B'mod iktar partikolari, kif jirriżulta espressament mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, moqri fid-dawl tal-premessi 1 u 15 ta' din, dan l-Artikolu 4a ġie inkluż fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 sabiex jiġi protett id-dritt tal-akkużat li jidher personalment fil-proċess kriminali mmexxi kontrih filwaqt li jittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji bejn l-Istati Membri (sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija ta' sospensjoni), C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Id-deċiżjoni Qafas 2009/299, b'mod parallel, ħassret il-punt 1 tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li kien jippermetti, fil-każ ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja u meta l-persuna kkonċernata ma kinitx ġiet informata bid-data u l-post tas-seduta li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija fil-kontumaċja, lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tissuġġetta l-konsenja għall-kundizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tipprovdilha garanziji meqjusa suffiċjenti li din il-persuna jkollha l-possibbiltà li titlob kawża mill-ġdid fl-Istat Membru emittenti u li tiġi deċiża fil-preżenza tagħha.

50 Huwa għalhekk sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża u tal-aċċess għal avukat li l-Artikolu 4a(1)(d)(i) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jeżiġi li l-persuna kkundannata fil-kontumaċja jkollha d-dritt "għal kawża mill-ġdid jew appell, li fihom [hija] għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermettu li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluż evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali".

51 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tintroduċi sistema ta' rikonoxximent reċiproku bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u li, kif jirriżulta mill-premessa 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, hija ma hijiex intiża, b'dan il-mod, li tarmonizza l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali.

52 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li dan ir-rekwiżit ta' dritt għal kawża mill-ġdid jew għal proċedura ta' appell li jippermettu l-eżami mill-ġdid tal-kawża fil-mertu jikkorrispondi għal dak li jinsab fl-Artikolu 8(4) u fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/343 fil-każ fejn l-Istati Membri jipprevedu l-possibbiltà li jinżammu proċessi fl-assenza tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata, iżda li ma huwiex possibbli li jiġu osservati l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva, b'mod partikolari dik li hija tkun ġiet informata biż-żamma tal-proċess, għaliex hija ma tistax tiġi llokalizzata minkejja sforzi raġonevoli li saru għal dan l-għan.

53 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 4a(1)(d) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew minħabba li l-persuna kkonċernata ma kinitx irrappreżentata minn avukat maħtur minnha jew maħtur *ex officio* waqt il-proċess li rriżulta

fid-deċiżjoni u lanqas, *a fortiori*, fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi l-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn ma tippermettix tali rifjut, u dan minkejja li din il-leġiżlazzjoni tipprevedi li, fl-Italja, sentenza fil-kontumaċja ma tistax tingħata fl-assenza ta' nomina *ex officio* ta' avukat.

54 Fit-tielet lok, din l-interpretazzjoni la hija invalidata mid-Direttiva 2012/13 u lanqas mid-Direttiva 2013/48, iċċitati wkoll mill-qorti tar-rinviju, mingħajr ma din spjegat id-dubji li kellha f'dan ir-rigward. Sa fejn din il-qorti tistaqsi jekk dawn id-direttivi jimponux fuq l-Istati Membri obbligu li jiżguraw li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jkunu assistiti minn avukat maħtur *ex officio* fi proċess li jista' jwassal għall-kundanna fil-kontumaċja tagħhom, din il-kwistjoni ma hijiex rilevanti sabiex jiġu ddeterminati l-każijiet li fihom ir-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew huwa awtorizzat skont l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

55 Fil-fatt huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, eventwali nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru emittenti mad-dispożizzjonijiet ta' direttiva ma jistax jikkostitwixxi raġuni li tista' twassal għal rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, il-fatt li jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' direttiva sabiex tiġi ostakolata l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jippermetti li tiġi evitata s-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li tipprovdi b'mod eżawrjenti r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Hamburg, C-416/20 PPU, EU:C:2020:1042, punti 46 u 47)

56 Fir-raba' lok, l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu, ukoll, jiġi interpretat u applikat b'mod konformi mat-tieni u mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 kif ukoll mal-Artikolu 48 tal-Karta li, kif jippreċiżaw l-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), jikkorrispondu għall-Artikolu 6 tal-KEDB. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li l-interpretazzjoni li hija tagħti tat-tieni u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48 tal-Karta tiżgura livell ta' protezzjoni li ma jmurx kontra dak iggarantit mill-Artikolu 6 tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija ta' sospensjoni), C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Issa, skont din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4a(1)(a) sa (d) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew la tippreġudika d-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata u lanqas id-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq, kif stabbiliti fl-Artikolu 47 u fl-Artikolu 48(2) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punti 47 sa 54, kif ukoll tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija ta' sospensjoni), C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, li daħħlet l-imsemmija dispożizzjoni fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, hija intiża sabiex tirrimedja għad-diffikultajiet tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna kkonċernata fil-proċess tagħha li huma riżultat tal-eżistenza, fl-Istati Membri, ta' differenzi fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Għal dan il-għan, din id-deċiżjoni qafas tfittex armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-każ ta' kundanna fil-kontumaċja, li tirrifletti l-kunsens milħuq mill-Istati Membri kollha dwar il-portata li għandha tingħata, taħt id-dritt tal-Unjoni, lid-drittijiet proċedurali li jgawdu minnhom il-persuni kkundannati fil-kontumaċja li jkunu suġġetti għal mandat ta' arrest Ewropew (sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 62).

59 Fir-rigward tal-argument invokat mill-qorti tar-rinviju li l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali, kif stipulati fl-Artikolu 6 TUE, jawtorizza lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni li jirrifjutaw li jeżegwixxu l-mandat ta' arrest Ewropew, u dan ukoll fl-ipoteżi msemmija fl-Artikolu 4a(1)(d) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, meta l-persuna kkonċernata ma tkunx ġiet irrappreżentata minn avukat matul il-proċess li wassal għas-sentenza ta' kundanna fil-kontumaċja, li jfisser, fil-verità, li tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni mad-drittijiet fundamentali protetti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, dan l-argument għandu jiġi miċħud.

60 Fl-aħħar nett, sa fejn il-qorti tar-rinviju tidher li tqis li d-dritt Taljan jiżgura standard ta' protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, u, b'mod partikolari, tad-dritt għal assistenza minn avukat, ogħla minn dak li jirriżulta mid-drittijiet fundamentali ddefiniti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 47 u l-Artikolu 48(2) tal-Karta, għandu jitfakkar li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tissuġġetta l-konsenja, lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, tal-persuna kkonċernata minn mandat ta' arrest Ewropew biss għall-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar u mhux għall-osservanza ta' dawk li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali tagħha. Fil-fatt, soluzzjoni kuntrarja twassal, billi tqiegħed f'dubju l-uniformità tal-istandard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ddefiniti mid-dritt tal-Unjoni, sabiex timmina l-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha l-għan li ssaħħaħ u, għalhekk, tikkomprometti l-effettività tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 63, u tal-15 ta' Ottubru 2019, Dorobantu, C-128/18, EU:C:2019:857, punt 79).

61 Fid-dawl tal-motivi kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri fid-dawl tal-Artikolu 6 TUE kif ukoll tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48(2) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja ta' persuna kkonċernata, abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija kontra din il-persuna kkonċernata fl-Istat emittenti, jekk din tal-aħħar ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, mingħajr ma l-imsemmija persuna kkonċernata tkun irrappreżentata minn avukat maħtur minnha jew maħtur *ex officio*, u jekk il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 4a(1)(d) ikunu ssodisfatti.

Fuq l-ispejjeż

62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, moqri fid-dawl tal-Artikolu 6 TUE kif ukoll tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja ta' persuna kkonċernata, abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija kontra din il-persuna kkonċernata fl-Istat emittenti, jekk din tal-aħħar ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, mingħajr ma l-imsemmija persuna kkonċernata tkun irrappreżentata minn avukat maħtur minnha jew maħtur *ex officio*, u jekk il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 4a(1)(d) ikunu ssodisfatti.

Firem